MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2014

Avviz Numru. 171/2014

**Rausi Company Limited - C 6149**

**vs**

**El Sherif Said Mohamed Osman**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta’ attrici li gie pprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar it-12 ta’ Mejju 2014 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha l-ammont ta’ erbat elef, tmien mija u wiehed u tmenin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€4,818.57) [il-Qorti tirrileva illi l-ammont mitklub bl-ittri ma jirrispettax l-ammont miktub bhala figuri, pero’ minn ezami tal-istatement Dok RAU1 jigi rilevat li l-ammont ghandu jkun dak indikat fil-figura] rapprezentanti bilanc dovut lir-rikorrenti ghal bejgh u konsenja ta’ diversi oggetti mibjugha u kkonsenjati lilu fuq talba tieghu stess (ara statement hawn anness u mmarkat “**Dok RAU1**”).

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut, u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut in subizzjoni.

Rat illi l-konvenut gie debitament notifikat skond riferta pozittiva tal-Marixxall Mario Mizzi datata 30 ta’ Mejju 2014 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta’ attrici (fol. 6).

Rat illi fis-seduta tat-18 ta’ Gunju 2014 il-konvenut gie msejjah izda ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tas-socjeta’ attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut dakinhar tat-18 ta’ Gunju 2014.

Rat illi fis-seduta tal-25 ta’ Gunju 2014 il-konvenut ma deherx ghas-subizzjoni tieghu sabiex iwiegeb id-domandi attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma erbat elef, tmien mija u tmintax-il ewro u sebgha u hamsin centezmu (€4,818.57) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, u appuntu kif murija fl-invoice tas-socjeta’ attrici datata 26 ta’ Ottubru 2013 esebita fl-atti mmarkata bhala Dok. RAU1.**

**L-ispejjez u l-imghaxijiet mid-data tal-invoice esebita fl-atti u cioe’ mis-16 ta’ Ottubru 2013 kontra l-konvenut.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------